MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-6 ta' April, 2011

Numru 151/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR JAMES GRECH**
**VS**
**STEPHEN PIROTTA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Stephen Pirotta ta' 37 sena, bin Paul u Antonia nee` Galea, imwieled Pieta` fid-29/11/1970, residenti Blk I Ent A, Triq Hal-Farrug, Luqa, u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 506670M fejn gie akkuzat talli:

1. nhar l-24 ta' Frar 2008, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula minnu b'rizoluzzjoni wahda, ghal habta tat-03:35pm gewwa Triq Sarrija Floriana kif ukoll ghal-habta ta' l-04:30pm gewwa l-Ghasesa tal-Pulizija Valletta attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew

b’hebb kontra persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe` l-Ispettur James Grech kif ukoll fuq WPC 273 Carmen Mintoff u kkagunalha griehi ta’ natura hafifa skont kif iccertifikat minn Dr Anton Briffa MD bin-numru ta’ registrazzjoni 2544, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi mill-awtorita` kompetenti;

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe` is-Supretendent Alexandra Mamo u l-Ispettur James Grech waqt li kienu ghamlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz bil-hsieb li jbezzaghhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-bonordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied;

4. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghad li kien xurban, qal kliem oxxen jew indicenti jew ghamel gesti oxxeni jew b’xi mod iehor offenda l-morali u l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika,

5. talli rrenda ruhu recidiv b‘diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati Malta preseduta mill-Magistrat Dr S Demicoli LL.D., nhar it-18/07/2005, nhar id-19/04/2007 u fil-25/10/2007 kif ukoll mill-Qorti tal-Magistrati Malta preseduta mill-Magistrat Dr G Grixti LL.D. fit-03/12/2007, liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mhassra;

6. talli fl-istess data u fix-xhur ta’ qabel, bl-imgieba tieghu kkaguna lil Grace Mary Titcombe li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta’ xi hadd mill-axxendenti taghha jew dixxendenti taghha, u aktar talli

7. hebb kontra l-persuna ta’ Grace Mary Titcombe persuna msemmija f’Artikolu 202(h) ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara u kkagunalha griehi ta’ natura hafifa;

8. talli ingurja u/jew hedded lil Grace Mary Titcombe bi kliem.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 412 (c) fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Grace Mary Titcombe u r-residenza taghha kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

F’kaz ta’ htija l-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta` ta’ Grace Mary Titcombe u l-familja taghha ai termini ta’ l-Artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;
Semghet il-konferma ta’ tali ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament.

Semghet ir-rinunzja tal-kwerelanti ghal rigward l-akkuzi sitta (6), seba (7) u tmienja (8).

Ikkunsidrat;

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat hati mill-1 sal-5 akkuza u wara li rat Art 95, 96, 338(dd), 49 u 50, 339(ee) Kap 9, Art 15A u E tal-Kap 65 tikkundanna lill-imputat ihallas multa ta’ 446 Ewro u tissospendi l-licenzja ghal zmien 6 xhur waqt li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn. Ghal rigward tal-akkuzi sitta (6), seba (7) u tmienja (8), il-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------